**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 12 ta' Mejju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Scerri)**

**Vs**

**Ivan Ciangura**

**Kump numru 676/2020**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ivan Ciangura, detentur tal-karta ta' l-identita Maltija 180569M;

Akkuzat talli b' diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fiżminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, fix-xhur ta' Gunju u Lulju 2016 u/jew fix-xhur ta' qabel, fil-kapacita tieghek bhala impjegat pubbliku fl-Ufficju tan-Nutar tal-Gvern u l-Arkivji Notarili; (Art 18. Kap 9)

1. approprajt ruhek billi dawwar bi profitt ghalik jew ghal persuna ohra, ssomma ta' mhux aktar minn hames mitt ewro (€500) taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilek minhabba l-professjoni, ndustrija, kummerc, kariga jew servizz tieghek, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta. (Art 293, 294, 310 (1) et seq. Kap 9)

2. ghal xi vantagg privat tieghek jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, ghamilt użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, kartita' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilek minħabba l-kariga jew impieg tiegħek, jew sraqthom. (Art 127 *et seq*. Kap 9),

   il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, u/jew l-Artikolu 28H, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-rigward illi l-hati jhallas id-danni ghandhom ukoll ***mutatis mutandis*** japplikaw kull meta jigri li persuna tinghata sentenza wara li tkun instabet hatja ta' delitt kif ikkontemplat fl-Artikolu 532A, tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-30 ta` Novembru 2020 sabiex din il-kawza titmexxa bir-rit sommarju;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tallum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat f'dik l-udjenza stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura u l-gravita` ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena/sanzjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena/sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-aktar sanzjoni indikata ghall-fatti ta` dan il-kaz, apparti l-ammissjoni bikrija ta` l-imputat, l-Qorti qed tqis dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess mill-partijiet dwar il-hsara sofferta, u li l-imputat deher li kien lest jaghmel tajjeb ghas-sehem tieghu fil-hsara sofferta ammontanti ghal €200.

**Konkluzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 28 H, 31, 127, 293, 294, 310(1) u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Ivan Ciangura, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti u minflok piena qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 18 ix-xahar millum u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Ukoll, bis-sahha ta` l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti tordna lill-ħati li jħallas lill-Gvern ta` Malta/Ufficcju tan-Nutar tal-Gvern u l-Arkivji Notarili, is-somma ta` €200 u dana fi zmien xahrejn mid-data ta` din l-ordni.**

**Skond il-Ligi, il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta tieghu jekk hu jonqos li jikkonforma ruhu ma’ din l-ordni.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur